**QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' April, 2018**

**Rikors Nru. 72/2018**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Nru. 50/2018**
**fl-ismijiet**

**It-Tabib Dottor Joseph Tonna**

**vs**

**Sharon Tonna**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Sharon Tonna tas-27 ta' Marzu 2018 gha-revoka tal-mandat ta' zgumbrament 50/18 mahrug mill-Qorti fuq talba tal-intimat Dr Joseph Tonna, mill-fond Bella Vista, Triq Orlando, Zabbar u dan a bazi tal-artikolu 281 tal-Kap. 12.

Rat ir-risposta tal-intimat li oppona ghal din it-talba kemm fuq bazi procedurali u anke fil-mertu.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

L-intimati jissottometti illi din il-Qorti mhux kompetenti billi l-Avviz Legali 396/2003 sanjatament fir-regolamenti 4 u 6 jeskludu mill-kompetenza ta' din is-sezzjoni tal-Qorti Civili stharrig ta' thassir ta' mandat. Il-Qorti tqis dan l-argument fallaci ghaliex l-

Avviz Legali 396/2003 jistablixxi l-kompetenzi tal-Qorti Civili fit-tlett sezzjonijiet taghha rigward kawzi mentri l-artikolu 281 in kwistjoni jghid li t-talba ghar-revoka issir quddiem il-Qorti lit kun hargitu. Il-Qorti li harget il-mandat hi l-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja u hi ghandha l-kompetenza tisma r-revoka.

Fil-mertu ghalkemm ebda oppozizzjoni ma tista' issir ghal esekuzzjoni ta' mandat ezekuttiv skont l-artikolu 276 tal-Kap. 12, pero l-ligi taghti l-fakolta ghat-thassir tal-istess mandat skont ma jipprovdi l-artikolu 281 li jghid hekk:

> (1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih issottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien maddokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi.
> (2) Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta li jkun fiha ssottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tipprezenta:
> Izda l-qorti tista', f'kazijiet urgenti, tirriduci l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppozizzjoni, il-qorti ghandha tilqa' t-talba.
> (3) Il-qorti ghandha tiddeciedi dwar ir-rikors wara s-smigh tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk tahseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-prezentata.
> (4) Appell minn digriet moghti taht is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuh.
> Il-Qorti tal-Appell ghandha tappunta dan l-appell ghassmigh fi zmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuh u dan ghandu jigi deciz fi zmien tliet xhur mid-data tal-appuntament ghas-smigh.
> (5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinhtiegx fil-kazijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.

Hi l-fehma tal-Qorti li dan l-artikolu mhux intiz biex jerga' jigi mistharreg il-mertu izda biex jigi accertat jekk il-formalitajiet ghal hrug tal-mandat jirrizultawx mill-att innifsu. Kif qalet il-Qorti fl-atti tar-rikors 287/2005 wara l-mandat ta' sekwestru 392/2005 fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana et** (PA 05/05/2005):

> Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg [Ara, **Briffa vs Stones Properties Ltd. Noe**, App. Civ. 01/12/2000 (Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) u **K.T.I. vs**

**Serge**, App. Civ. 25/05/2001 (Kollez. Vol: LXXXV.ii.414)]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;

Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma [**Josephine Spiteri vs Anthony Perry et,** PA 14/11/1994 (degriet interlokutorju)]. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;

Illi, fil-qofol tal-kwestjoni, jirrizulta li bejn il-partijiet ghad hemm kontestazzjoni dwar jekk it-titolu ezekuttiv li bis-sahha tieghu nhareg il-Mandat impunjat ghadux fis-sehh. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, sakemm ikun hemm provvediment gudizzjarju dwar dan, jew sakemm ma jirrizultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettiq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu ezekuttiv ikollu jitqies li ghadu fis-sehh;

Illi l-Mandat – li huwa att ezekuttiv – inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh. Mad-daqqa t'ghajn, jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu (Art. 274 tal-Kap. 12) u certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati;

Kwindi din il-Qorti trid tqis jekk il-mandat cioe l-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv inharigx skont il-ligi. Bla dubju t-talba maghmula mir-rikorrenti tinkwadra ruhha f'din id-dispozizzjoni u interpretazzjoni tal-artikolu. Hi qed tissottometti illi l-hrug tal-mandat hu prematur ghax l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ghadu mhux fis-sehh. Dan ma jolqotx il-mertu tat-titolu zida l-validita formali tal-hrug tal-mandat.

Din il-Qorti rat l-atti, senjatament is-sentenza tal-Qorti tal-Appell bejn il-partijiet li tat lok ghal din il-vertenza, cioe s-sentenza tas-separazzjoni fl-ismijiet Sharon Tonna vs Joseph Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2017 (Cit. 152/2005). Dik is-sentenza tat il-fakolta lir-rikorrenti tibqa' tirresjedi fil-fond matrimonjali sa zmien sena mindu 'ic-cwievet tal-imsemmi fond battal jigu konsenjati lilha mill-konvenut'. Il-fond battal qed jirreferi ghal dik il-parti tad-decide immedjatament qabel il-kondizzjoni msemmija, u cioe l-fond 102 Dawret ix-Xghajra, Zabbar. Il-kwistjoni ghalhekk hi jekk it-talba ghal hrug tal-mandat cioe l-esekuzzjoni tat-titolu intalbitx, skont ma tghid is-sentenza u dan fuq indagini prima facie minghajr mal-Qorti tidhol f'xi kwistjoni li tista' tolqot il-mertu.

Jirrizulta mid-dokumenti esebiti kemm f'dan il-mandat u fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni maghmul kontestwalment ma' dan (505/2018) illi skond il-kuntratt ta' assenjazzjoni bejn il-partijiet li sar fis-27 ta' Gunju 2017 atti Nutar Sylvana Borg jirrizulta testwalment li c-cwievet tal-fond ta' Haz-Zabbar inghataw dakinhar. Pero mill-atti jidher li qabel din id-data l-intimat kien gia ipprova jikkonsenja c-cwievet lir-rikorrenti tramite d-difensur tar-rikorrenti b'ittra tas-27 ta' Jannar 2017 li pero ma gewx accettati mill-avukat tar-rikorrenti. Sussegwentement b'cedola (76/2017) tal-24 ta' Mejju 2017, l-intimat iddepozita c-cwievet fil-Qorti biex jigu liberament mehuda mir-rikorrenti. L-intimat jissottometti illi dakinhar tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ic-cwievet inghataw lil avukat tar-rikorrenti li qua mandataru fil-procediment gudizjarji ghandhom jekwevalu ghal konsenja. Din il-Qorti ma taqbilx ghax is-sentenza kienet titlob konsenja <u>lir-rikorrenti</u> mhux lil avukat taghha.

Hi l-fehma tal-Qorti li darba kreditur ma jaccettax liberament konsenja offruta r-rimedju hu tad-depozitu a termini tal-artikolu 1173(1) ta-Kap. 16 li jghid hekk:

> Jekk il-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas, id-debitur, jew dak li ghandu jedd ihallas, jista', bi spejjez tal-kreditur, jiddepozita s-somma jew il-haga li ghandha tinghata bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Hi l-fehma tal-Qorti illi d-depozitu irrenda prima facie l-esegwibilita tat-titolu ezekuttiv sospiz b'sena skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell u ghalhekk it-terminu semmai beda fl-ahjar ipotesi jiddekorri mil-24 ta' Mejju 2017 ghalkemm fil-kuntratt a' assenjazzjoni gie dikjarat li c-cwievet inghataw dakinhar cioe fis-27 ta' Gunju 2017. Pero din hi kwistjoni ta' mertu li l-Qorti mhix ser tidhol fiha.

Hu pacifiku illi l-mandat ta' zgumbrament intalab fl-1 ta' Marzu 2018 u ghalhekk hu prematur anki jekk jitqies id-depozitu formali bhala d-data tal-konsenja u ghalhekk formalment hu nieqes ghax mhux qed isir in virtu ta' titolu ezekuttiv li hu esegwibbli f'dak il-mument li intalab il-hrug tal-mandat ezekuttiv biex irendi ezegwibbli t-talba.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti billi tiddikjara li l-hrug ta' mandat ezekuttiv ta' zgumbrament hu prematur u kwindi formalment irritu u qed thassru ghal finijiet kollha tal-ligi. Spejjez ghall-intimat.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur